# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41

16 ta' Ġunju, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.50 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 41

41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 40 – 9;
41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
41.5 Komunikazzjoni;
41.6 Rapport ta' kull kwart Jan – Mar 2022;
41.7 Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ;
41.8 Avvenimenti marbuta mall-Festa 2022;
41.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
41.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2022;
41.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

41.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Gauci nfurmaħ permezz ta' imjel u telefonata li ma setgħax jattendi għall-laqgħa tal-lum minħabba mpenji f'Malta u l-Kunsillier Bajada nfurmaħ permezz tat-telefown li minħabba raġunijiet personali urġenti ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel li dawn il-Kunsillieri jiġu assenti b'apoloġija (skond Ordni Permanenti 14A(3).

## 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 40 – 9

41.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 40 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

41.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita li ssa għaddejin b'ritmu tajjeb, bħalissa infetħet it-trinka minn fejn l-isqaq tat-triq tal-MUSEUM għal wara l-knisja peress li kien hemm it-tqattiegħ tal-blat u li dan se jasal sa ħdejn il-Bakery biex s-service culvert jiġi maqgħud ma dak li hemm eżistenti fi Triq Sannat. Bħalissa qed jitpoġġew il-concrete n-shaped għal dan il-culvert. Dan ix-xogħol irid jitlesta sa qabel il-festa biex l-Għaqda tal-Armar ikunu jistgħu jibdew joħorġu l-armar tat-toroq għal festa. B'hekk din il-parti tal-pjazza għandha titwitta u jingħata il-konkos. Is-Sindku qal li kull ġimgħa qed issir laqgħa apposta mall-Kuntrattur. Fuq din in-naħa tal-pjazza se jkun baqa s-servizzi tad-drenaġġ u ilma u b'hekk tingħata sodda tal-konkos u l-Kuntrattur ikun jista jibda fuq in-naħa l-oħra.

41.3.2 Is-Sindku qal il-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħatu lid-Direttur tal-EcoGozo ġa la darba se jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-ħlasijiet huma:
AIS Archaeology għal Archaeological monitoring April 2022 €1576.36
AIS Archaeology għal Archaeological monitoring Mejju 2022 €1447.15
Ing Christian Cordini għal servizz ta' Project Manager Mejju 2022 €1260.00

41.3.3 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet fir-rigward tal-proġett tal-pjazza.

41.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju fl-10.00 a.m. ser issir laqgħa mall-Community Policing. Dawk il-Kunsillieri nteressati jistgħu jattendu. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk għandhomx xi mistoqsijiet li jridu jsaqsu lill-Pulizija. Is-Sindku qal li hu se jistaqsi dwar l-ħruq tal-iskart domestiku. Is-Sindku qal li se jerġa jitkellem dwar il-ħruq tan-nar tal-festa ta' San Pawl Nawfragu fejn saru diversi ħsarat u r-residenti lmentaw fuq dan.

41.3.5 Is-Sindku qal li hu kiteb lic-Chairperson tal-Awtorita' tal-Ippjanar u qara din l-imejl dwar l-allinjamenti uffiċjali u l-wesgħat tat-toroq f'Ta' Sannat, fejn it-toroq qed jidjiequ u l-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti sostanzjali u ġustifikati dwar dan il-każ kollu permezz ta' binjiet ġodda f'din il-lokalita'. Il-Kunsill qabel ma dan peress li l-Kunsill ma jista jgħamel xejn dwar dan.

41.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Superjur tal-MUSEUM kiteb fejn infurmana li matul l-istaġun tas-sajf jiġu organizzati LogħobisSajf - fun games fil-ground tal-Museum, għal dan il-għan qed jitolbu biex il-Kunsill jikkolabora għal dawn l-attivitajiet fejn l-ispejjez jammontaw għal prezz ta' €500. Is-Sindku qal li hu jaqbel li jsiru dawn it-tip ta' attivitajiet pero l-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Superjur peress li l-Kunsill qed jħossu li qed jaġevola parti żgħira mit-tfal peress li għat-tfal bniet ma hu qed ikun ser isir xejn.

41.3.7 Is-Sindku qal li fuq inizjattiva tas-sezzjoni tal-Ħarsien tal-Annimali fi ħdan il-MGOZ, il-Kunsill se jkun qed iniedi Cat houses sbieħ u kkuluriti. Il-Kunsill ħaseb li dawn jiġu nstallati fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li aktar cat houses jistgħu jiġu nstallati fejn il-ġonna pubbliċi. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-applikazzjonijiet li saru fi Frar li għadda mill-Local Council Urban Greening Scheme, il-Kunsill ġie nfurmat li ma bbenefikax minn din l-iskema miż-żewġ applikazzjonijiet li kienu waħda għat-Tisbieħ u restawr tal-ġibjun fi Triq il-Kbira u l-oħra dwar Titjib fl-arja tal-madwar u enerġija iktar effiċjenti fi Triq 28 ta' April 1688. Is-Sindku qal li hu talab laqgħa biex jara għaliex ma bbenefikajniex. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta għal din il-laqgħa

41.3.9 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li wara li l-Kunsill kien ibbenefika fondi mir-Reġjun Għawdex fuq Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi s-somma ta' €25,000 biex jiġi rrinovat il-ġibjun fi Triq il-Kbira u dik tal-Kultura s-somma ta' €10,000 biex jiġi asfaltat sqaq fi Triq ta' Ċenċ kienet saret talba wara li l-Kunsill kien applika minn sorsi oħra biex dawn il-fondi jiġu rilokati dik ta' €25,000 għal l-isqaq fi Triq ta' Ċenċ u dik ta' €10,000 għal spejjez relatati mall-Ġemellaġġ. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

41.3.10 Is-Sindku nforma li minn fondi ewropej permezz tal-Leader (GAGF) ħerġin applikazzjonijiet minn Miżura 3 biex il-Kunsill ikun jista jattira t-turisti permezz ta' investiment ta' proġett infrastrutturali dan peress li qabel il-Kunsill ma setgħax japplika minħabba klawsola li kien hemm fir-regolamenti tal-applikazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunisll kien ibbenefika minn applikazzjoni oħra tal-LESA biex tiġi rrestawrata l-Kalkara tal-Ġir biswit il-bini tal-Kunsill, hu qal li jekk hu possibli din għandha tiġi trasferita għal xogħolijiet ta' manutensjoni fil-ġibjun ta' Triq il-Kbira. Dan dejjem isir subject to funds. Is-Sindku qal li minn din l-aplikazzjoni ta' M 3 wieħed jista japplika sabiex jinfetaħ ix-xelter ta' Pjazza Santa Margerita biex dan ukoll jattira din l-applikazzjoni. Dwar il-Kalkara tal-Ġir jista jiġi ppublikat ktieb dwarha. Is-Sindku qal li wieħed għandu jikkunsidra din l-applikazzjoni. Apparti dan, il-Kunsill qabel biex jixtri tinda minn dawn il-fondi biex jekk l-attivitajiet isiru fix-xitwa dan ikun jista jsir. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq talba ta' residenti kiteb lill-Planning Authority dwar rimi ta' materjal illegali f'zona ODZ fi Triq Dun Lazzru Camilleri. Il-Planning Authority kitbet lura fejn wieġbet li bgħatu l-informazzjoni lill-ERA u ħadu azzjoni biex dan jieqaf milli jagħmel dan u wissiet lill-individwu biex jirregolarizza s-sitwazzjoni.

41.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-sena s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita qed tfakkar il-25 sena anniverserju mit-twaqqif tagħha. Għal dan il-għan nhar l-20 ta' Lulju se jsir kunċert

fuq skala akbar mis-soltu u qed titlob il-kollaborazzjoni biex wara bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill jikkolabora u jiffinanzja repo għal prezz ta' €500. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.3.13 Is-Sindku qal li ssa li bdiet is-sħana qed tinħass il-ħtieġa li fis-sala ta' fuq fil-bini tal-Kunsill, fejn issa reġgħu bdew isiru regolarment il-leżżjonijiet tal-ganutell, patchworks u anke l-aerobics tal-active ageing organizzati mill-MGOZ għar-residenti Ta' Sannat huwa xieraq li din is-sala tiġi mgħammra b'arja kkundizjonata. Il-Kunsill qabel li jiġbor kwotazzjonijiet għal dan u wara jiġi nstallat. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ssa din is-sala ġiet magħmra b'sound system u tv ġdid biex jintużaw minn dawk li jgħamlu wżu minnha. Hu ġibed l-attenzjoni li din is-sala għandha tiġi mgħammra u tiġi refurbished għaliex din is-sala għadha għarwiena mit-tagħmir.

41.3.14 Is-Sindku qal li l-President ta' Sannat Lions F.C. kiteb lill-Kunsill fejn qal li wara l-festa ta' San Pawl Nawfragu l-Munxar nstabu materjal tan-nar li nħaraq fil-ground tal-futbol u anke saru xi ħsarat lis-synthetic turf fejn l-għada kien hemm tournament tat-tfal, dan peress li d-distanza minn fejn jinħaraq in-nar tal-festa mhux biżżejjed. Is-Sindku qal li l-Kunsill tkellem mal-Avukat biex dan ma jerġax isir u ntbgħatet ittra permezz tiegħu lis-Superitendent tal-Pulizija dwar dan il-każ.

41.3.15 Is-Sindku qal li l-Kunsill ipprepara r-risposta tal-Management letter. Il-Kunsill qabel li din tintbgħat.

## 41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

41.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

41.4.2 Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk il-Kunsill kellux xi risposta dwar il-produzzjoni tal-film fi Pjazza Santa Margerita li kien ntalab li jsir mill-kumpanija tal-film. Is-Sindku wieġeb li dwar dan ma sar xejn għaliex il-Kunsill mhux f'posizzjoni li jwaqqaf il-proġett li hu għaddej fil-Pjazza meta l-kumpanija mhix f'posizzjoni li tħallas u tħallas sew.

## 41.5 Komunikazzjoni

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li din ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru 6/2022 – Skeda tal-Pagamenti għall-użu tal-Compliance Unit

41.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
17 ta' Mejju 2022 – Laqgħa għas-Sindki u Kunsilliera Għawdxin
23 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/050 – Mediterranean Tourism Foundation
10 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/051 – COMPOSE PLUS Round Table 27/05/2022
23 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/052 – L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qed taħdem flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Munċipalitajiet tal-Lombardija – Involviment tal-Kunsilli Lokali
24 ta' Mejju 2022 – Laqgħa Plenarja AKL – 18/06/2022 ġewwa Hastings
24 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/053 – EQF/MQF Level 5 Award in Public Speaking and Speechwriting
24 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/054 – Taħriġ mill-Jobsplus

25 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/055 – Certificate in Digital Marketing
25 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/056 – Sessjoni Parlamentari bit-titlu "Abbużi fuq l-Anzjani u Drittijiet" mtella mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani
30 ta' Mejju 2022 – Cir AKL 2022/057 – SIS Funds 2023 – MIVC
08 ta' Ġunju 2022 – Cir AKL 2022/058 – EUCF Business Breakfast 22/06/22
13 ta' Ġunju 2022 – Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari – Alison Zerafa Civelli 09/07/2022. Is-Sindku qal li dak inhar ma jistgħax jattendi u qed jitlob li ssir laqgħa mall-Onor Zerafa Civelli.

41.5.3 Is-Sindku għarraf li mit- Tender SNTLC 02/2022 il-Kunsill se tasallu l-mini bus 9 seater fix-xahar ta' Awwissu.

41.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:
27 ta' Mejju 2022 – ICT Officer
30 ta' Mejju 2022 – Open Call for Images for the Regional Cultural Strategy
30 ta' Mejju 2022 – RE Proġett – Power Assisted Pedal Cycles(PAPC) lill-Kunsilli Lokali
01 ta' Ġunju 2022 – Re Reġistru Reġjonali – Proprjetajiet Pubbliċi taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali
10 ta' Ġunju 2022 – Re Reallocation of Funds – RGĦ Schemes
11 ta' Ġunju 2022 – Re: Open Call for Images for the Regional Cultural Strategy

## 41.6 Rapport ta' kull kwart Jan – Mar 2022

41.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-Rapport ta' kull kwart Jan - Mar 2022 ġie ċċirkulat permezz tal-imejl. Dan ġie approvat mill-Kunsill.

## 41.7 Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

41.7.1 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill ħareġ sejħa għal ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda biss. Din l-applikazzjoni hi ta' Francesca Borg. Il-Kunsill qabel li din tiġi assenjata għal dan il-post u ferħilha għal din il-kariga. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinfurmha b'dan biex tkun tista tattendi għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 41.8 Avvenimenti marbuta mall-Festa

41.8.1 Is-Sindku qal li dwar it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel sar ir-risk assesment mill-Inġnier, il-Kunsill għandu jara li għal din l-attivita' jkun hemm is-sigurta meħtieġa. Is-Sindku qal li hu fil-preżenza tal-Viċi Sindku tkellmu mall-Ministru għal Għawdex fejn hu nfurmah li lest li jgħin f'din l-attivita speċjalment li din hija tiġrija tradizzjonali. Is-Sindku qal li ser issir attivita bl-isem ta Shades of Flames – Glowing Skies spettaklu ta' nar tradizzjonali u li din se tinħaraq b'sistema ta' fire 1 u li għal dan il-Kunsill applika minn fondi tal-Cultural Funds fi ħdan il-MGOZ. Is-Sindku qal li rigward il-permessi tal-hawkers jibqu kif kienu fil-passat. Is-Sindku qal li dawk l-istabilimenti li ma għandhomx aċċess ta' toilet għandhom jaraw kif jgħamlu u jordnaw mowbajl toilet. Il-Kunsill qabel li għandu jaħseb biex jordna 4 mowbajl toilets, tnejn għal wara l-planċier fil-pjazza u tnejn oħra fejn il-MUSEUM fit-tlett t'ijiem tal-festa. Il-Kunsill għandu jaħseb biex jordna bowzer tal-ilma biex tinħasel ħasla l-lokalita'. Is-Sindku ssuġġerixxa biex tibda ssir purċissjoni tat-tfal fil-ġimgħa tal-festa, il-Kunsill iddiskuta dan.

## 41.9 Ilmenti u Suġġerimenti

41.9.1 Residenti minn Triq Skerla ilmentaw rigward trinka kbira li saret mill-WSC f'din it-triq. Huma ilmentaw li l-patching ta' din it-trinka ma sarx kif suppost. Il-Kunsill informa lil WSC biex din tingħata kif mitlub.

41.9.2 B' referenza għall-ilment numru 18/2022, residenta min Triq Saguna talbet li jinqata il-ħaxix. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan il-ħaxix minn din it-triq inqatgħa.

41.9.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-arċipriet, fejn staqsa x'possibilita hemm li n-naħa ta' Triq Ta' Ċenċ tkun No Parking minn barra l-Ħadd jew tal-inqas għal Ħadd filgħodu, dan sabiex jakkomoda lil numru mdaqqas ta' nies u familji li tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu jiġu għall-quddiesa. Is-Sindku qal li jirrimarka li fil-madwar hawn fejn isir parkeġġ, hu qal li se jkellem lil Project Manager dwar dan.

41.9.4 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System,* sabiex jittranġa ħajt tas-sejjiegħ li waqa fi Triq Tal-Lewz.

41.9.5 B'referenza għall-ilment numru 19/2022, persuna li għandu r-raba' fi Triq Mġarr ix-Xini ilmenta li meta bnew l-ħitan tas-sejjiegħ u r-rampa, ir-rampa għamluha wieqfa tant li kien se jaqa' diversi drabi. Huwa qed jitlob li titranġa din ir-rampa u tiġi magħmula b'mod li ma tkunx wieqfa ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan ix-xogħol ma sarx mill-Kunsill iżda mill-MGOZ. Is-Sindku qal li dan għandu jinforma b'dan lil MGOZ u jitkellem mad-Department tal-EcoGozo.

41.9.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ fejn talab li titwessa l-bankina peress li l-gallarija tal-apartament għandha xi ħsarat peress li jgħaddu vetturi kbar minn din it-triq. Huwa qed jitlob li jsir dan peress li qed jibża li l-quddiem jkollu ħsara fil-propjeta tiegħu u qal li lanqas jkun jista joħroġ fil-gallerija. Il-Kunsill qal li għandu jinforma b'dan lil Transport Malta. Il-Viċi Sindku qalet li ma għadux iż-żmien li din tibqa two ways imma ssir one way. Is-Sindku qal li wasal iż-żmien biex isir ir-rapport ta' traffic managment assesment.

41.9.7 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ pemezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex jerġa jingħata grouting fil-bankina tul Triq Dun Xand Aquilina peres li nqala ħafna minnu u f'partijiet hi ta periklu għal min jimxi minn fuqha. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.9.8 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex jsir refreshment tar-road markings madwar il-lokalita. Il-Kunsill għandu jaħseb għaż-żebgħa.

41.9.9 Resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu, peress li hija fi stat ħażin u perikoluża. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

41.9.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna li għandu għalqa fi Triq Dun Luqa. Huwa qal li kellu aċċess għal din l-għalqa minn ġo gate u issa din qegħdha magħluqa b'gozz ġebel. Huwa qal li dan l-aċċess huwa dritt tiegħu għax kien inkluż fil-kuntratt meta xtraha. Huwa talab il-Kunsill biex jiċċekja dwar dan. Il-Kunsill qal li dan għandu jinforma b'dan lill-pulizija.

41.9.11 B'referenza għall-ilment numru 20/2022, is-Sindku rraporta mera mkissra fi Triq l-10 ta' Ottubru faċċata ta' Triq Gerxija. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din ġiet mibdula.

41.9.12 Persuna li għandha għalqa fi Triq ix-Xewkija, qed titlob li jitwessa l-bieb tal-għalqa tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System*.

41.9.13 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System*, biex jintbagħat trakk biex tiġi mnaddfa Triq Saguna bil-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

41.9.14 B'referenza għall-ilment numru 21/2022, residenta li toqgħod fi Triq Saguna qed titlob li ssir bozza f'din it-triq dan peress li hemm ħafna dlam u sabiex jiġu evitati inċidenti, eżempju taqa' xi persuna peress li din il-parti tat-triq għadha mhix asfaltata. Il-Kunsill qabel li tiġi nstallata bozza ma din il-binja.

41.9.15 Is-Sindku qal li rċieva ilment dwar is-siġar tal-Oleander fil-faċċata ta' Palazz Palina biex jiġu miżbura. Il-Kunsill qabel li din it-talba ssir lill-MGOZ.

## 41.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2022

41.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 41.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

41.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 19 ta' Lulju, 2022

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |